MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 772/1997/1

**Prime Limited.**

**-vs-**

**Diner Dogs Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-8 ta’ April, 1997 li permezz tagħha s-soċjeta’ attriċi ppremettiet:

Illi s-soċjeta’ konvenuta Diner Dogs Limited għandha tħallas lis-soċjeta’ attriċi Prime Limited is-somma ta’ disat elef, erba’ mija u wieħed u disgħin Lira u tlettax-il ċenteżmu (Lm9,491.13) rappreżentanti l-prezz ta’ zalzett minnha ordnat u lilha kkonsenjat.

Illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata bosta drabi sabiex tersaq għall-ħlas iżda baqgħet dejjem inadempjenti.

Illi d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta’ attriċi s-soċjeta’ konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet x’tagħti għat-talba tagħha.

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex għar-raġunijiet premessi, dispensat is-smigħ tal-kawża a termini tal-Artikolu 167 et. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), u in vista ta’ l-affidavit ta’ l-Avukat Paul Farrugia (Dok.X) u dak ta’ John Muscat (Dok.PR1);

1. tiddikjara li s-soċjeta’ konvenuta Diner Dogs Limited għandha tħallas lis-soċjeta’ attriċi Prime Limited is-somma ta’ disat elef, erba’ mija u wieħed u disgħin Lira u tlettax il-ċenteżmu (Lm9,491.13) rappreżentanti l-prezz ta’ zalzett minnha ordnat u lilha kkonsenjat;

2. tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta Diner Dogs Limited tħallas lis-soċjeta’ attriċi Prime Limited is-somma ta’ disat elef, erba’ mija u wieħed u disgħin Lira u tlettax il-ċenteżmu (Lm9,491.13) rappreżentanti l-prezz ta’ zalzett minnha ordnat u lilha kkonsenjat.

Bl-ispejjeż, inklużi Lm40.25 imħallsa lill-konsulent legali tas-soċjeta’ attriċi ta’ numru ta’ servizzi in konnessjoni ma’ dina l-vertenza (V.A.T. Receipt no. 2 863 915 hawn annessa mmarkata dok. PR2), u bl-imgħax kummerċjali mill-4 ta’ Frar, 1997, li hija d-data tal-aħħar konsenja, kontra s-soċjeta’ konvenuta li hija minn issa flimkien mad-diretturi u ex-diretturi tagħha nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ attriċi, maħlufa mill-Avukat Paul Farrugia, u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tal-Qorti tat-2 ta' Mejju, 1997 li permezz tagħha s-soċjeta' konvenuta ġiet awtorizzata tippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ippreżentata fl-14 ta' Mejju, 1997, li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfundati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont mitlub jirrapreżenta konsenji ta' xogħol lil terzi persuni u mhux lis-soċjeta' konvenuta, u kwindi għandha ssir verifika tax-xogħol effettivament konsenjat lil terzi, u ta' liema konsenji kien fil-fatt obbligat li jħallas il-konvenut;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk oriġinarjament seta' kien dovut xi ammont dan huwa inferjuri minn dak pretiż mis-soċjeta' attriċi kif għandu jiġi faċilment stabbilit una volta ssir il-verifika tal-kontijiet;

3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' attriċi hija fil-fatt debitriċi tas-soċjeta' konvenuta billi kkawżat danni riżultat ta' ksur tal-artikoli 2 u 3 tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u li jġib id-data tad-9 ta' Mejju, 1996, u li huwa hawn esebit bħala Dok. "A", liema pretensjoni ta' danni qed tiġi avvanzata permezz tat-talbiet rikonvenzjonali preżentati kontestwalment;

4. Illi t-talba attriċi, in kwantu jirrigwarda l-ispejjeż estraġudizzjarji hija legalment nfondata u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, kif għandhom jiġu miċħuda wkoll it-talbiet kollha attriċi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta, maħlufa minn Pierre Faure' I.D. 470159(M), u l-lista tax-xhieda.

Peress illi jeżistu r-rekwiżiti kontemplati mill-artikoli 396 et sequitur tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni Proċedura Ċivili biex issir rikonvenzjoni mis-soċjeta' konvenuta, u peress illi s-soċjeta' konvenuta fil-fatt tixtieq tinqeda b'din il-proċedura sabiex tipproponi l-kontro-talba tagħha;

Illi s-soċjeta' attriċi hija proprjetarja u tiġġestixxi *franchise operation* fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex għall-bejgħ ta' *hot dogs* minn diversi *stands* mxerdin maż-żewġ gżejjer;

Illi biex tilħaq l-iskop tal-*franchise operation* tagħha, liema skop ewlieni huwa l-uniformita' tal-prodotti li jinbigħu minn kull *franchisee*, is-soċjeta' konvenuta fid-9 ta' Mejju, 1996, daħlet fi ftehim esklussiv, hawn esebit bħala Dok. "A", mas-soċjeta' attriċi, li permezz tiegħu l-istess soċjeta' attriċi obbligat ruħha inter alia illi tissuplixxi "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*", esklussivament lis-soċjeta' konvenuta;

Illi taħt l-istess ftehim is-soċjeta' attriċi obbligat ruħha illi żżomm "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*", suffiċjenti biex tlaħħaq mat-talba tas-soċjeta' konvenuta;

illi s-soċjeta' attriċi arbitrarjament kisret l-obbligu tal-esklussivita' u ssupliet u biegħet "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*" lil terzi persuni u lill-*franchisees* ta' Diner Dogs Limited direttament;

illi s-soċjeta' attriċi arbitrarjament irrifjutat illi tissuplixxi lis-soċjeta' konvenuta bil-prodott pattwit, b'tali mod illi l-*franchise operation* tas-soċjeta' attriċi kellha tbiddel il-prodott prinċipali tagħha, liema prodott kien diġa' laħaq indara sew fil-pjazza;

Illi bħala riżultat ta' dan il-ksur kuntrattwali s-soċjeta' konvenuta sofriet danni nġenti;

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' attriċi naqset illi tikkonsenja "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*" esklussivament lis-soċjeta' attriċi kif kienet tenuta tagħmel ai termini tal-artiklu 2, tal-obbligi ta' Prime Limited , fil-ftehim iffirmat fid-9 ta' Mejju, 1996;

2. Tiddikjara li s-soċjeta' attriċi naqset illi żżomm "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*", suffiċjenti biex tlaħħaq mat-talba tas-soċjeta' konvenuta, kif kienet obbligata tagħmel taħt l-artikolu 3 tal-obbligi ta' Prime Limited, fil-ftehim iffirmat fid-9 ta' Mejju, 1996;

3. Tordna lis-soċjeta' attriċi tadempixxi l-obbligi illi assumiet taħt il-ftehim tad-9 ta' Mejju, 1996, u tissuplixxi "*diner dog hot dogs*" u "*diner dog BBQ sausages*", esklussivament lis-soċjeta' konvenuta;

4. Tiddikjara illi bħala riżultat ta' dan il-ksur kuntrattwali, is-soċjeta' konvenuta sofriet danni inġenti;

5. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' konvenuta, kawża tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjeta' attriċi;

6. Tikkundanna lis-soċjeta' attriċi tħallas lis-soċjeta' konvenuta d-danni, hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju datat 6 ta' Frar, 1997, kontra s-soċjeta' attriċi li r-rappresentanti legali tagħha jibqgħu minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta, maħlufa minn Pierre Faure' I.D. 470159(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi għat-talba rikonvenzjonali magħmula mis-soċjeta' konvenuta, ippreżentata fid-9 ta' Ġunju, 1997, li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi in linea preliminari ma jeżistux ir-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi sabiex issir talba rikonvenzjonali u dana peress li l-kuntratt li fuqu qegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha s-soċjeta' Diner Dogs Limited ġie xolt meta l-istess soċjeta' naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet tagħha taħt l-istess kuntratt billi ma effettwatx il-ħlas taz-zalzett li ġie lilha fornit fit-terminu stipulat fil-kuntratt. Għaldaqstant ma teżisti l-ebda konnessjoni bejn it-talba tas-soċjeta' Prime Limited u dik tas-soċjeta' Diner Dogs Limited.

2. Iżda fil-mertu għandu jiġi ppruvat min huma dawna l-*franchisees* li allegatament inbigħ zalzett lilhom mis-soċjeta' Prime Limited u li effettivament jeżisti *franchising agreement* bejniethom u s-soċjeta' Diner Dogs Limited.

3. Illi ma huwiex assolutament minnu li s-soċjeta' Prime Limited forniet *Diner Dog Sausages* lil ħaddieħor ħlief li dawka l-persuni jew soċjetajiet indikati lilha mis-soċjeta' Diner Dogs Limited.

4. Illi fi kwalunkwe każ, u dana mingħajr preġudizzju għall-premess, kif ġie indikat fl-artikolu numru wieħed (1) ta' dina n-nota ta' l-eċċezzjonijiet, il-kuntratt tad-9 ta' Marzu, 1996 ġie xolt *ipso iure* minħabba n-nuqqas ta' osservanza tas-soċjeta' Diner Dogs Limited ta' l-obbligi tagħha taħt l-istess kuntratt billi ma effettwatx il-ħlas taz-zalzett li ġie lilha fornit fit-terminu stipulat fil-kuntratt kif ukoll akkwistat zalzett ta' kwalita' oħra mingħand terzi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' konvenuta, maħlufa minn John Muscat I.D 530954(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi n-noti ta' l-osservazzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Lulju, 2006 u tas-27 ta’ Novembru, 2006 u dawk ta’ qabel illi permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija pjuttost komplikata mhux biss fattwalment iżda anke mill-punto di vista legali. Għalhekk il-Qorti se tipprova tirrikapitola l-fatti fi ftit kliem qabel ma tidħol iktar fil-fond tal-kwistjoni miż-żewġ lati tagħha.

Kollox beda bil-kuntratt illi sar bejn il-partijiet fid-9 ta’ Mejju, 1996 li permezz tiegħu l-attur obbligaw ruhhom illi jissuplixxi esklussivament lill-konvenuti zalzett tal-*barbecues*. Ġie miftiehem il-prezz u t-terminu (sena u nofs) kif ukoll penali ta’ ħamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) f’każ li l-atturi jonqsu li jissuplixxu u l-konvenuti kellhom iħallsu l-kontijiet dejjem fi żmien tlett xhur.

Il-Qorti nnominat perit komputista’ illi rrelata a fol 71 tal-proċess. Huwa kkonkluda illi ma kien hemm ebda kwistjoni fuq is-somma ta’ erbat elef u tlieta u għoxrin elf Lira Maltin u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm4,023.33) li s-soċjeta’ konvenuta qed taċċetta li għandha tħallas. Id-differenza kienet fuq erbat elef, tlett mija u erbgħa u erbgħin Lira Maltin u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm4,344.48) li dwarhom il-konvenuti ma sabux dokumenti u ħames mija u wieħed u sebgħin Lira Maltin u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm571.28) fuq *overcharging*. Minn dawn il-perit pero’ traċċja elf, tlett mija u wieħed Liri Maltin u sitta u sittin ċenteżmu (Lm1,301.66) u li l-bilanċ li dwaru kien hemm dubbju kien elfejn, disa’ mija u wieħed u tmenin Lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm2,981.92) u spjegat a fol 80 tal-proċess. Fil-fehma tal-perit dan l-ammont kellu jiġi nvestigat mill-Qorti (a bażi ta’ regoli proċedurali) billi

huma l-kontijiet ġew kontestati mill-konvenuti minħabba l-firem. Għandu jingħad hawhekk (u dan hu importanti hafna) illi l-konsenja ma kinitx issir direttament lill-konvenuti iżda lill-*franchisees* tagħhom iżda kienu jħallsu l-konvenuti fuq l-informazzjoni ta' dawn il-*franchisees* u d-dokumenti illi kienu jgħaddulhom l-atturi. L-ordnijiet ġie li kienu jagħmluhom huma u ġie li l-*franchisees.*

Wara dan bdew is-seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. A fol 91 xehed James Muscat, direttur tas-soċjeta' attriċi. Dan l-ewwel spjega kif kienu jsiru l-ordnijiet. Qal illi; "*Regolarment konna nirċievu ordnijet normalment bit-telephone u kienet issir 'delivery' tal-prodott lil 'outlets' jew franchisees ta' Diner Dogs Limited. Fl-istess ħin kienet tiġi provduta 'delivery note'. Din kienet iffirmata mill-persuna li kien jirċievi x-xogħol. Aktar tard issir print out ta' l-'invoice' u dan kien jiġi mibgħut bil-posta dirett lil Mr. Faure' fl-indirizz tal-kumpanija tiegħu f'Paceville.*

*Meta kien jirċievi dawn l-invoices Mr Faure' qatt ma kien jikkontestahom, dejjem kienu jiġu aċċettati. Kieku stess kien hemm dubbju, Mr. Faure' seta' jikkompara l-invoice li kien qed jirċievi hu stess mad-delivery note li kienet tiġi provduta mad-delivery tax-xogħol. Jien ngħid li l-invoices kollha mhux talli sibthom iżda sibt ukoll corresponding delivery notes li skoprejt illi waħda mill-invoices li qed jikkontesta hija fil-fatt credit note li l-ammont tagħha kienet koperta mid-dokument credit note No. 31566 u l-istess ammont fil-fatt kien ġie mnaqqas.*

*Nispjega li l-prodott kien jasal għand in-nies. Jista' jagħti l-każ illi n-nies li qed jirċievu dan il-prodott ma jibqgħux l-istess iżda jitbiddlu.*

*Uħud mid-disputed invoices fejn Pierre jgħid li ma jagħrafx il-firma u fejn jiena qed ngħid li huwa kemmxejn difficli li nittraċċja dawn ix-xhieda kollha, nixtieq nirrileva illi mill-*

*invoices aċċettati minn Pierre Faure' hemm delivery notes li jikkorrispondu ma' dawn l-invoices aċċettati li l-firma tagħhom hija identika għal numru ta' delivery notes li ġew rifjutati minn Pierre Faure'.*"

A fol 102 xehed David Mifsud illi kellhu *cart* tal-konvenuti fil-pompa tal-petrol tiegħu. Dan spjega li l-konvenuti kienu jfornuhom bil-karru u jindikawlhom minn fejn jixtru l-prodotti. Kien jirċievi d-*delivery note* u l-*invoice* tintbagħat lill-konvenuti biex iħallsu huma. Is-soċjeta' konvenuta qatt ma ġabet għall-attenzjoni tiegħu xi diskrepanzi bejn iz-zalzett konsenjat u kemm ġew *invoiced.* A fol 108 xehed David Tabone li ukoll kien jaħdem bl-istess mod. Qal ukoll li ma kienx hemm disgwid rigward konteġġi jew kwantitajiet ta' zalzett li kien ħa mingħand l-atturi.

John Muscat ippreżenta wkoll affidavit li hu esebit a fol 155. Fil-fatt il-partijiet kien ilhom bil-ftehim minn sena qabel ġie ffirmat il-kuntratt bil-miktub f'Mejju 1996. Fil-bidu ta' l-1997 kienet saret laqgħa bejn il-partijet fir-rigward ta' arretrati li ma tħallsux. Faure' kien issuġġerixxa li l-atturi jaħtruhom *sole distributors* tagħhom għal kull tip ta' *hot dog* u *frankfurt sausages*, iżda l-atturi ma aċċettawx għaliex skond ix-xhud huma kellhom suq vast. Għalhekk Faure' qalilhom li ma kienx se jħallas il-bilanċ għalhekk qalulu li ma kinux se jfornuh sakemm ma jħallasx għax kienu gia' skperti bizzejjed. Ċaħad li qatt fornew xi terz bid-Diner Dogs sakemm il-kuntratt kien għaddej u l-konvenuti bdew jieħdu prodott mingħand fornituri oħra. Xehdu wkoll Chris Tabone u Sandro Portelli li kellhom *cart* tal-konvenuti u Norbert Grixti *assistent general manager* ta' Sol Suncrest.

Pierre Faure' esebixxa affidavit a fol 177 fejn spjega li wara l-ftehim ta' l-1996 sid ta' bar (Sunrise Bar) keċċieh mil-lokazzjoni tiegħu u skopra li l-atturi baqgħu ifornu lis-sid bil-prodott tagħhom. Jgħid li l-atturi għamlu l-istess ħaġa fir-

rigward ta' Ed's Diner li kien ftit bogħod minn Mobile Cart tal-konvenuti. Meta sema' b'każi oħra avviċina lil John Muscat li qallu li kien se jsolvi l-problema iżda allura hu qallu li ma kienx se jħallas iktar kontijiet; kellu xi problemi ma xi *franchisees* oħra. Wara xi laqgħat oħra, qal li; "*John Muscat irrifjuta li jbegħli aktar hot dogs. Peress li Diner Dogs Limited kellha obbligi lejn il-franchisees li kienu baqgħu leali miegħi ma kellhiex ebda għażla ħlief li nixtri hot dogs ta' narra u nbiegħhom bl-istess prezz jew irħas u cioe' bi profitt minimu biex inżomm lil franchisees kuntenti.*" Jgħid ukoll li minħabba dan in-negozju tiegħu sfaxxa u beda negozju differenti.

Joseph Mifsud u Eddie Brincat xehdu fis-seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004. Dawn kellhom kaxxa bħal dawk imsemmija u kkonfermaw il-parti li tirrigwardja lilhom fix-xhieda ta' Faure'. Sarilhom kontro-eżami a fol 243. Faure' ġie kontro-eżaminat fis-seduti tat-12 u 25 ta' Ottubru, 2004. Mistoqsi jekk qattx informa lill-atturi bil-problemi li semma, qal li iva u li kitbilhom iżda ma mhux ċert dwar il-kitba.

Meta wieħed jeżamina l-provi f'daqqa jikkonkludi mill-ewwel illi l-problema li wasslet għall-proċeduri ġudizzjarji kienet li s-soċjeta' konvenuta ftit kellha kontroll fuq il-*franchisees* tagħha. Il-mod kif kien jitqassam ix-xogħol jindika li l-ordni kienet issir ħafna drabi mill-*franchisee* u ħafna mill-allegazzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta bl-ebda mod ma ġew konfermati għaliex id-direttur tagħha Pierre Faure' qagħad biss fuq xi diskors li sarlu minn xi uhud minnhom. Anke x-xhieda Mifsud u Brincat kienu approssimattivi hafna fid-deposizzjoni tagħhom u ma ssostnazjaw bl-ebda mod dak li qal la b'dati u wisq inqas b'figuri. Għalhekk il-Qorti tħoss li l-allegazzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta sija fir-rigward tal-kontijiet u kemm fir-rigward ta' l-allegat ksur tal-kuntratt ma ġewx pruvati għaliex huma biss allegazzjonijiet ta' Faure'.

Fir-rigward tal-kontestazzjoni tal-kontijiet hija verosimili l-

ispjegazzjoni tal-atturi illi billi l-*franchisees* kienu spiss jibdlu l-idejn, il-firmatarji kienu jkunu differenti. L-*invoices* kienu bdew jintbgħatu mill-1994 u allura qabel il-ftehim u ġew kontestati biss fl-aħħar tas-sena 1996 u fil-bidu ta' l-1997 meta Faure' beda jallega li l-atturi bdew ifornu lill-terzi. Allura hu żamm il-ħlas – anke hawn ma setax jagħmel dan għaliex legalment kellu mezzi oħra li pero' sab konvenjenti ma jużax għax kien ikollu jitlaq il-flus minn idejh. Għalhekk il-Qorti ssib li l-ammont ta' tmint elef, disa' mija u erbgħin Lira Maltin u disa' ċenteżmi (Lm8,940.09) huwa dovut, skond il-kontijiet prodotti.

L-istess fir-rigward ta' l-allegazzjoni tal-ksur tal-kuntratt da parti ta' l-atturi, il-provi li ressqet is-soċjeta' konvenuta huma dgħajfa wisq biex jiġu aċċettati. Wieħed kien jistenna per eżempju dokumenti u mhux biss allegazzjoni ta' Faure' li wisq naturali kellu kull interess jallega dan. Fiċ-cirkostanzi l-Qorti ma tħossx li ġab prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjoni tiegħu u għalhekk ma għandix għalfejn tidħol fil-kwistjoni legali ta' jekk l-atturi kinux ġustifikati li jbiegħu lill-ħaddieħor wara l-indampjenza tal-konvenuti fir-rigward tal-ħlas.

Fir-rigward ta' l-ispejjeż tal-kawża, billi fil-mori tal-kawża rriżulta li t-talba tal-atturi kellha tkun ċirka ħames mitt Lira Maltin (Lm500) inqas minn dik dovuta, l-atturi se jbatu parti mill-ispejjeż tal-kawża.

**Għal dawn il-mottivi, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ħlief kif se jingħad u fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba biex il-kawża ssir bil-proċedura tal-giljottina stante d-digriet imsemmi, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmint elef, disa' mija u erbgħin Lira Maltin u disa' ċenteżmi (Lm8,940.09) bl-imgħaxijet kummerċjali kif mitluba. L-ispejjeż tat-talba attriċi jitħallsu kwantu għal wieħed minn għaxra (1/10) mis-**

**soċjeta' attriċi u r-rimanenti disgħa minn għaxra (9/10) mis-soċjeta' konvenuta. Fir-rigward tal-kontro-talba tilqa' l-eċċezjonijiet tas-soċjeta' attriċi u tiċħad l-istess kontro-talba, bl-ispejjeż tagħha jkunu a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------